# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 8 ta' Gunju, 2001 .

## Citazzjoni numru : 249/97G1(PC)

**Emanuel u Andreana konjugi Camilleri .**

**vs**

**Joseph Farrugia,**
**Anthony Farrugia,**
**Michael Farrugia,**
**Maria armla Farrugia, u**
**Is-Socjeta' H & C Development Limited .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :**

**Illi l-attur Emmanuel Camilleri kien gie inkarigat mill-konvenuti sabiex jaghmel diversi xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-fond numru tnax (12) fi Triq l-Arcipriet Saver Cassar, Victoria, Ghawdex ;**

**Illi ghal dan ix-xoghol l-esponenti ghadu ma thallasx .**

**Illi minkejja diversi talbiet da parti tal-atturi lill-konvenuti sabiex jersqu biex jigi mkejjel minn perit arkitett ix-xoghol kollu maghmul fil-fond imsemmi, dan l-ezercizzju qed jigi ostakolat mill-konvenuti ;**

**Illi ghalhekk l-atturi jridu li din l-Onorabbli Qorti tistabilixxi l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi u tikkundannahom ihallsu l-ammont hekk iffissat .**

**Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tiffissa u tistabilixxi anki permezz ta' perit mahtur ghal dan il-fini minn din l-Onorabbli Qorti l-hlas dovut lill-atturi mill-konvenut ghall-appalt minnu esegwit .**

2. **Tiddikjara l-konvenuti debituri fil-konfront tal-atturi fis-somma hekk likwidata .**

3. **Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat .**

4. **Tikkundanna lill-konvenuti wkoll sabiex ihallsu lill-atturi imghax bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) b'effett mid-data tat-tlestija ta' dan ix-xoghol sad-data tal-hlas effettiv .**

**Bl-imghax inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja mibghuta fis-26 ta' April 1996 u tal-ittra ufficjali spedita f'Mejju 1996 u bl-imghaxijiet ulterjuri skond il-ligi .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenuti debitament imharrka ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Emanuel Camilleri .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha li eccepew illi :**

1. **Il-konvenuti kollha minbarra l-konvenut Anthony Farrugia ghandhom jinhargu 'l barra mill-kawza in kwantu jonqos fihom l-interess gudizzjarju .**

2. **In-negozju guridiku 'de quo' sar bejn l-attur Emmanuel Camilleri u l-eccipjenti Anthony Farrugia, li kien qed jagixxi ghan-nom ta' ommu Maria armla Farrugia (li lilha tappartjeni l-proprjeta') u li ghal finijiet u effetti kollha ta' dan il-gudizzju ghandu jkun il-legittimu kontradittur tal-atturi .**

3. **"L'ecceptio inadempleti contractus' peress li l-attur ghadu ma terminax il-kuntratt tieghu mal-attur .**

4. **L-interpestivita' tal-azzjoni, ghaliex dak kollu li qed jitlob setgha sar kieku huwa ttermina l-appalt li ghandu ma' l-attur .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti kkonfermata bil-gurament ta' Anthony Farrugia .**

**Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Frar 1998 fejn innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi bhala perit tekniku fil-kawza sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti .**

**Rat ir-rapport ta' l-istess perit tekniku minnu konfermat bil-gurament fit-18 ta' Gunju 1999 .**

**Semghet ix-xhieda prodotti .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz tal-kawza prezenti l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ghall-kuntratt ta' appalt ghal diversi xoghlijiet ta' bini li saru mill-attur Emanuel Camilleri fil-fond indikat fic-citazzjoni .**

**Ghalkemm fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jinghad illi l-kuntratt relattiv kien sar bejn il-konvenut Anthony Farrugia u l-attur, fid-deposizzjoni tieghu moghtija fl-udjenza tas-27 ta' Frar 1998, il-konvenut Joseph Farrugia, apparti li ddikjara li s-socjeta' "H & C Developments Limited" ma kellha xejn x'taqsam ma' l-appalt in kwistjoni, assuma personalment huwa stess ir-responsabilita' kollha ghax-xoghlijiet maghmula mill-attur fil-proprjeta' msemmija . Ma ngiebet ebda prova dokumentata dwar il-kuntratt ta' appalt in kwistjoni, imma l-atturi, minkejja din id-dikjarazzjoni tal-konvenut Joseph Farrugia, ma ressqu ebda raguni ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex taccetta r-responsabilita' unika ta' l-istess konvenut .**

**Irrizulta illi matul is-seduti peritali l-kontendenti ftehmu li l-perit tekniku kellu joqghod fuq il-konteggi mahruga mill-A.I.C. Teddie Busuttil li kien kejjel ix-xoghol maghmul mill-attur . Qablu wkoll illi "x-xoghol li l-konvenut kien qed isostni li kellu jsir mil-attur, effettivamnet sar permezz ta' bennej iehor u ghalhekk m'ghadhomx in kawza." (a fol. 24 tal-process) .**

**Mill-konteggi tal-perit Busuttil jirriuzlta illi l-attur :**

**(i) bena hajt singlu bejn il-proprjeta' ta' Maria Farrugia (il-konvenuta) u Maria Zammit fit-tieni sular fi Triq Archpriest Cassar, Victoria, Ghawdex, li gie jammonta ghal Lm69.80 . (Il-perit tekniku jispjega fir-rapport tieghu illi skond il-perit Busuttil, li huwa kien gie awtorizzat jikkonsulta dwar l-istess xoghlijiet, il-hlas ghal dan il hajt kellu jsir nofs minghand Maria Farrugia u nofs minghand Maria Zammit ;**

**(ii) bini tat-tieni sular u opramorta fil-fond ta' Maria Farrugia ghal valur ta' Lm718.10.**

**Il-valur totali ghax-xoghol imwettaq mil-attur a benficcju tal-fond tal-konvenuti Farrugia huwa ghalhekk ta' Lm752.95,u ghall-hlas ta' din**

**is-somma huwa ghalhekk responsabbli l-konvenut Joseph Farrugia, skond id-dikjarazzjoni minnu maghmula fil-kors tas-smiegh tal-kawza, kif gia nghad . Ghalkemm jidher illi dan il-hlas ma sarx qabel minhabba xi nuqqas ta' qbil li nqala' fil-kors tat-twettieq tax-xoghlijiet mill-attur, ma rrizultaw ebda provi li jistghu jitfghu xi htija fuq l-attur ghal xi nuqqas da parti tieghu . Ghalhekk dan m'ghandu lanqas jbati ebda parti mill-ispejjez .**
**Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tillibera lill-konvenuti kollha barra Joseph Farrugia mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-istess konvenut Joseph Farrugia sabiex ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' seba' mija tnejn u hamsin lira maltija u hamsa u disghin centezmu.**

**Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut .**

**Billi l-ammont dovut gie likwidat biss f'din is-sentenza, l-imghaxijiet fuq l-istess somma huma dovuti mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S24997Pc